MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Mario Camilleri
vs
Kalaxlokk Company Limited, Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Novita Construction Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Lulju 1988 huwa kien sofra ingustizzja f'li nghata transfer mill-Kalaxlokk ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u s-secondment tieghu mal-Kalaxlokk kien gie terminat.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien ilu jahdem il-Kalaxlokk ghal madwar 7 snin. Illi l-grad tar-rikorrent kien ta' Fitter imma huwa kien

jahdem xoghol ta' Works Technical Officer. Fil-Kalaxlokk ir-rikorrent kien responsabbli mill-Auto Electrical Section u kellu numru ta' haddiema li kien responsabbli taghhom. Illi r-rikorrent qatt ma kellu rapporti hziena dwar ix-xoghol li kien jaghmel.

Illi r-rikorrent kien ilu ghal numru ta' snin impjegat mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici minn mindu kien gie xolt il-Korp ta' Dirghajn il-Maltin. Fl-1980 kien gie sekondat mal-Kumpanija Kalaxlokk, f'Kalafrana. Qrib hafna ta' nofs ix-xahar ta' Gunju 1988 kienu dahlu Malta numru ta' vapuri ta' taghmir nukleari fost id-disapprovazzjoni ta' bosta Maltin u Ghawdxin. Fil-fatt, xi gimgha jew ftit jiem aktar wara ta' dan l-avveniment, il-General Workers Union b'direttiva ufficjali kienet ordnat "strike" ta' gurnata preciz fl-24 ta' Gunju 1988 ghal membri kollha taghha.

Illi r-rikorrent bhala membru kien ha sehem attiv f'dan l-istrike. Precizament il-Gimgha l-1 ta' Lulju 1988, ir-rikorrent kien ircieva ittra minghand is-Sur Paul Pace, Personnel Officer tal-Kumpanija Kalaxlokk (Dok A) fejn fil-qosor kienet tghid li b'effett minn nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 1988 kellu jirraporta ghand is-Sur Manwel Zarb f'Beltissebh fl-ufficju tad-Dipartiment ghax-Xogholijiet Pubblici, peress li kien gie mitmum is-sekondment tieghu mal-Kumpanija Kalaxlokk. Wiehed hawn irid jirrifletti fuq id-dati ta' l-istrike (24.06.88).

Illi dan kien kaz car ta' manipulazzjoni bil-haddiem u l-ghixjien tieghu u tal-familja tieghu.

Illi r-rikorrent kien iddecieda li jinforma l-ufficju tal-G.W.U. l-Belt bil-kontenut ta' l-ittra u ghaldaqstant kien mar personalment jirregistra t-trattament inuman u d-dizapprovazzjoni tieghu. Fil-11 ta' Lulju 1988 delegazzjoni immexxija mis-Segretarju Generali ta' dak in-nhar is-Sur Anglu Fenech kienet iltaqghat mal-Ministru tax-Xogholijiet is-Sur Michael Falzon sabiex tigi rregistrata protesta ufficjali kontra l-agir tal-Ministeru lejn uhud mill-haddiema, inkluz ir-rikorrent (Dok B). Illi r-rikorrent kien baqa' ghal xi gimghat izomm kuntatt ma' l-Union ghaliex

kien haseb li s-sitwazzjoni setghet tigi regolata, imma kien kollu ghal xejn ghaliex kollox baqa' kif kien.

Illi fil-21 ta' Novembru 1988 kien deher avviz f'diversi gurnali lokali fosthom l-Orizzont (Dok C) fejn issejhu applikazzjonijiet ghal kariga ta' "Auto Electricia" minn persuni kwalifikati u dawn kellhom jindirizzawhom lil Personnel Manager tal-Kumpanija Kalaxlokk. Illi dan kollu wiehed jikkonkludi li kien inholoq nuqqas ta' Auto Electricians f'Kalaxlokk - xoghol li r-rikorrent kien jezercita u kwalifikat fih jum wara jum sakemm dam mal-Kumpanija Kalaxlokk. Dan kien fatt iehor car li johrog minn dan l-avviz ta' "Vacancy" li jkompli jikkonvinci li t-trasferiment tar-rikorrent kien politikament motivat. Illi impjegat iehor, Joseph Galea apparti l-fatt li beda x-xoghol fil-Kalaxlokk hafna wara r-rikorrent, u oltre li hu mnizzel biex jaghmel xoghol ta' "Mechanical Fitter", dan kien fil-verita' jaghmel xoghol ta' Electrical Fitter kemm qabel kif ukoll wara t-trasferiment tar-rikorrent. Illi dan kollu juri li t-trasferiment tar-rikorrent ma kienx ippjanat. Illi mhux hekk biss, talli kien irrizulta nuqqas ta' persuni kwalifikati fis-sengha ta' Auto Electricians, mal-Kumpanija Kalaxlokk. B'danakollu ghalkemm din il-persuna kienet ippartecipat fl-istrike mar-rikorrent dan l-impjegat ma kienx gie trasferit mil-Kalaxlokk jigifieri ma giex applikat il-kuncett ta' "first in - last out" kif inhi norma fost l-intraprizi ohrajn. Ir-rikorrent xtaq izid li l-paga tieghu matul iz-zmien li kien sekondat mal-Kumpanija Kalaxlokk, kienet tilhaq Lm107.75 kull gimghatejn bhala Works Technical Officer, filwaqt li meta kien gie trasferit mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fil-kariga ta' Electrical Fitter (l-istess tip ta' xoghol) il-paga kienet ta' Lm81.10c kull gimghatejn. Illi wiehed ma jridx jinsa li l-piz ta' manteniment tal-familja tieghu li dak iz-zmien kien ta' martu u tlett ulied. Dan biex ma semmiex ukoll li fil-waqt li t-trasport ghal Kalafrana kien gie provdut mill-Kumpanija, t-trasferiment kien holoq lir-rikorrent spejjez addizjonali tat-trasport pubbliku mid-dar ghal-post tax-xoghol f'Hal Kirkop, medja ta' 4 vjaggi kuljum.

Illi r-rikorrent ma setax jifhem ghalfejn kien inghata dak it-transfer vendikattiv minn mal-Kumpanija ghall-Public Works hlief minhabba t-twemmin politiku tieghu. It-

transfer kien qalghu gimgha wara li kien strajkja fuq ordni tal-General Workers Union. F'dan it-transfer huwa kien naqas fil-paga u tilef ukoll allowances li kien jiehu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostnu l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi shiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat tal-flus li tilef f'paga u allowances kif ukoll li jerga' jigi sekondat mal-Kalaxlokk Company Limited jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta' N.O.V.I.T.A. Construction Company Limited li eccepiet:

Illi hi qatt ma kellha ebda rapport giuridiku jew kontrattwali mar-rikorrent Mario Camilleri fl-epoka tall-allegati fatti, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra r-risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Company Limited li eccepiet:

Illi r-rikorrent lmenta li hu kien sofra ingustizzja ghax gie "trasferit" lura mal-Gvern mill-Kalaxlokk u s-secondment tieghu mal-Kalaxlokk gie terminat.

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li fir-realta t-talba tar-rikorrent tirrigwarda biss it-terminazzjoni tas-secondment tieghu minn mal-kumpanija . Ir-rikors tar-

rikorrent ma jhalli l-ebda dubju f'dan ir-rigward ghax ir-rikorrent stess ilmenta li s-secondment tieghu mal-Kalaxlokk kien gie terminat u li t-transfer li semma mhux xejn hlief il-fatt li ntbaghat lura jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn kien jahdem qabel ma kien gie sekondat mas-socjeta` intimata. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997. Infatti terminazzjoni ta' sekondent ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinwkadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

In fatti, kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu dwar hatriet promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici jew ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika t-terminazzjoni ta' secondment bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant, ilment dwar terminazzjoni ta' secondment ma jista' jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal. Jinghad ukoll ghall kull buon fini li "terminazzjoni ta' secondment" qatt ma tista' tigi interpretata bhala "trasferiment".

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-terminazjoni tas-secondment tieghu ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra dan l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-intimat u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent kontra l-intimat ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, anke li kieku ghas-sahha ta' l-argument "terminazzjoni ta' secondment" kellha titqies bhala "trasferiment" is-socjeta` intimata mhiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez. Infatt skond l-artikolu 2 tal-Att in kwistjoni, "ufficjal pubbliku"

ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ma jistax ikun hemm dubbju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku ghax hu stess qal fir-rikors tieghu li kien ilu ghal numru ta' snin impjegat mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u fl-1980 kien gie seconded mal-Kumpanija Kalaxlokk. L-istess kliem tar-rikorrent ma halla l-ebda dubbju li r-rikorrent stess ammetta li hu kien baqa' impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent ghalhekk qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta` intimata. Huwa ovvju li s-socjeta` kummercjali, anke jekk il-gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha, qatt ma tista' tkun f'posizzjoni li taghti "trasferiment" lill-ufficjal pubbliku. Se mai huwa d-Dipartiment tal-Gvern koncernat li ghandu l-poter li jaghti "transfer" lil ufficjal pubbliku u mhux semplici socjeta` bhal ma hija dik intimata.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga` intqal fil-mertu ma kienet saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent.

Dan qed jinghad minhabba s-segwenti r-ragunijiet.

a) Ir-rikorrent allega li s-secondment tieghu mal-intimat kien gie terminat fl-4 ta' Lulju ta' l-1988 wara li obda direttiva tal-General Workers Union li hu kien membru taghha sabiex tohrog fuq strike wara li dahlu Malta numru ta' vapuri ta' taghmir nukleari u li dan it-transfer kien wiehed vendikattiv u politiku. Ovvjament jinkombi fuq ir-rikorrent li pprova dak li allega u specjalment li jipprova li s-secondment tieghu kien gie terminat minhabba din ir-raguni u mhux minhabba ragunijiet ohra. Min-naha taghha s-socjeta` intimata tirrifjuta kategorikament bhala infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent.

b) Illi inoltre jigi rilevat li fir-rikors tieghu, r-rikorrent stess isemmi lil certu Joseph Galea u jghid li ghalkemm din il-persuna kienet ippartecipat fl-istrike mar-rikorrent dan l-impjegat ma kienx gie trasferit mil-Kalaxlokk. Mela r-rikorrent stess qed jammetti li kien hemm persuni ohra

bhalu li hargu fuq strike u li s-secondment taghhom mas-socjeta` intimata ma kienx gie terminat.  Fid-dawl ta’ dan kollu, l-allegazzjoni tar-rikorrent li s-secondment tieghu kien gie terminat minhabba motivazzjoni politika ma tistax treggi.

c) Ir-rikorrent ilmenta ukoll li b’rizultat tat-terminazzjoni tas-secondment tieghu tas-socjeta` intimata, hu naqas fil-paga.  L-intimat xtaq jirrileva li huwa ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercepixxi xi allowance mentri kien sekondat mas-socjeta` intimata (u li allura din tnaqqsitlu meta kien mar lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici), huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat.  Huwa daqstant ovvju li galadarba secondment min-natura tieghu huwa ta’ natura temporanja u qatt ma hu permanenti r-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta` intimata ma kienx ser jibqa’ bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga’ jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwenza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija allowance.  Fi kliem iehor, ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li tali allowance kienet ser tkun ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li kienet saret mieghu xi ingustizzja ghax ma baqax jippercipixxi tali allowance.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u ta’ l-Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet Pubbliciu Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent kien gie mpjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-xogholijiet b’effett mit-2 ta’ April 1979.  Hu kien lahaq il-grad ta’ Electrical Fitter fid-9 ta’ Jannar 1981.  Permezz tar-Riforma li kienet giet fis-sehh fl-1 ta’ Jannar

1991 ir-rikorrent kien gie assimilat bhala Senior Tradesman fi Skala 14.

Illi l-intimat ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent minhabba l-fatt li d-Dipartiment tax-Xogholijiet ma kellu x'jaqsam xejn mat-trasferiment inkwistjoni.

Illi r-rikorrent kien gie sekondat mal-kumpanija Xlokk Construction b'effett mit-8 ta' Frar 1982.

Illi r-rikorrent kien gie mibghut lura fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-4 ta' Lulju 1988 flimkien ma ghaxar impjegati ohra fuq struzzjonijiet espliciti tal-Kumpanija msemmija.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti prezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi fl-1 ta' Novembru 2000 dan it-Tribunal iddecieda li f' dan il-kaz ma hemmx terminazzjoni ta' impjieg izda trasferiment lura u ghalhekk cahad l-eccezzjoni preliminari tal-Kalaxlokk Company Limited. Fl-istess data ddikjara li s-socjeta` N.O.V.I.T.A. Construction Company Limited ma taqax taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Ir-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma li beda jahdem mal-Korp Dirghajn il-Maltin mis-snin sebghin fir-Red China Dock bhala auto electrician. Kien applika biex jahdem mal-Gvern, ghamel interview u accettawh u gie appuntat electrical fitter u kien jithallas mid-Dipartiment tal-Public Works. Imbaghad kienu baghtuh jahdem il-Kalaxlokk bhala auto electrical fitter.

Hu dejjem baqa' jigi kkonsidrat bhala haddiem mal-Public Works izda kien seconded mal-Kalaxlokk u kien jaghmel xoghol ta' fitter u ta' auto electrician. Qal li wara dahal mal-Kalaxlokk, in-numru tal-haddiema baqa' jizdied. Ir-rikorrent qal li xoghlu dejjem ghamlu sewwa u s-superjuri tieghu qatt ma lmentaw minnu. Wara ftit snin mal-Kalaxlokk l-imghallem certu Lorry Borg kien infurmah li kellu jkun inkarigat mis-sezzjoni ta' l-auto electricians. Ghalhekk kien qed jinghata allowance specjali ghal dan u kien speci ta' Acting Works Technical Officer.

Qal li f'Gunju 1988 kien gie Malta bastiment tal-gwerra Ingliz HMS Ark Royal li kien suspettat li kien qed igorr armamenti nukleari. Il-General Workers Union ma qablitx ma' din iz-zjara u organizzat hafna protesti kontra dan il-bastiment. Fost l-azzjonijiet ordnati mill-G.W.U., din kienet ordnat strike u hargitilhom direttiva biex f'gurnata partikolari ma jidhlux ghax-xoghol. Ir-rikorrent kien membru fil-G.W.U. u obda dik id-direttiva u ma dahalx ghax-xoghol dakinhar. Semma li talli ma dahalx ghax-xoghol kienu naqsulu xi haga mill-paga. Wara gimgha xoghol, tnejn mis-Security qalulu li kien ser jigi trasferit. Kienu ghaddewlu ittra datata 1 ta' Lulju 1988 fejn minghajr ma tawh ebda spjegazzjoni hu gie nfurmat li s-secondment li kellu mal-Kalaxlokk kien gie terminat, u li kellu jirrapporta ghax-xoghol fid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Ir-rikorrent qal li meta mar id-Dipartiment it-Tnejn 4 ta' Lulju 1988 kienu baghtuh fil-Garage tal-Gvern ta' Hal-Kirkop. Semma li certu John Borg li kien jahdem mieghu l-Kalaxlokk u li kien strajkja wkoll kien gralu bhalu, u marru jahdmu fil-Garage tal-Gvern.

Semma li hemm kien hemm madwar 22 fitter u x-xoghol kien jitqassam skond min kien imissu. Meta kien imisshom ir-rikorrent u dan John l-anqas ghodda ma kellhom. Semma li huma ghamlu zmien tul jistennew it-turn taghhom peress li kien hemm hafna haddiema jahdmu. Kienu lmentaw mal-G.W.U. dwar it-trasferiment taghhom u din ipprotestat ma' l-Awtoritajiet. Ix-shopsteward tal-G.W.U. kien qalilhom li tant li l-Kalaxlokk

kellha bzonn ta' fitters u auto-electricians li kienu qed jikkunsidraw ireggghu kollox lura u jibghatu ghalihom biex jergghu jmorru jahdmu hemm. Wara ftit ix-shopsteward kien infurmahom li minhabba pika politika huma kellna jibqghu fil-garage tal-Gvern. Ir-rikorrent semma li hu kien jippreferi jibqa' jahdem f'Kalaxlokk ghax hemmhekk kellu paga oghla. Il-Kalaxlokk kellu wkoll it-trasport b'xejn mentri mal-Public Works ma kienx provdut dan it-trasport. Minn dak iz-zmien 'l hawn ir-rikorrent baqa' jahdem fil-garage tal-Gvern fl-istess grad u jaghmel l-istess xoghol.

Xehed Manuel Cortis Principal fil-Human Resources Section tal-Works Division. Semma li ilu mal-Works Division mill-1995 u f'dik il-kariga ilu minn Gunju 2001. Qal li qabel l-1987 kien ikollhom istruzzjoni mill-Ministeru lil min jibaghtu u lil min ma jibaghtux Kalafrana u dan bhala secondment u dawk li jkunu seconded mal-Kalafrana kienu jithallsu b'paga ta' grad oghla. Is-secondments kienu jigi terminati jew b'ordni mill-Ministeru jew inkella b'istruzzjonijiet minn Kalafrana mill-Monitoring Board. Semma li wara l-1997 mill-Kalafrana, Kalaxlokk bdew jitnaqqsu n-nies u x-xhud kellu lista ta' nies illi telqu minn Kalafrana flimkien mar-rikorrent. Qal li llum baqa' biss zewg persuni hemmhekk bhala secondments. Semma li fl-1988 ir-rikorrent kien mar seconded l-MDC u f'Settembru 1988 gie tterminat mis-secodment tieghu minn ma' l-MDC u rega' mar il-Kalaxlokk, sakemm f'Novembru 1990 gie terminat bhala secondment mal-Kalaxlokk.

Semma li biex ir-rikorrent intbaghat l-MDC xi hadd seta kien baghtu pero` mir-records ma rrizultax fejn kien qed jahdem fl-MDC. Qal li r-rikorrent rega' iddahhal il-Kalafrana jew on secondment jew kien hemm xi arrangament mal-Kalaxlokk u l-MDC izda x-xhud ma seta' jghid xejn dwar dak. Qal li ma tezistix statistika dwar kemm fl-1988 kien ghad baqa' nies mal-Kalaxlokk pero` fl-1988 kien ghad baqa' hafna imma mbaghad bdew jonqsu ftit ftit. Dwar il-persuni li gew indikati a fol 22 tal-process li kienu naqsu minn Kalafrana mar-rikorrent qal li hu ma jafx ir-raguni ghalfejn dawn gew terminati. Qal li mar-rikorrent gew terminati tmien persuni u qal ukoll li li kemm qabel u

kemm wara kien hemm persuni li gew tterminati mill-Kalafrana.

Edwin Mamoipprezenta affidavit fejn semma li r-rikorrent kien sekondat minn mal-Works Department ghal mal-kumpanija Kalafrana Construction Company f'Jannar 1982 u mbaghad f'April 1986 giet imwaqqfa l-kumpanija Kalaxlokk u l-haddiema li kien hemm fil-kumpanija l-ohra gew assorbiti mill-Kalaxlokk. In-numru tal-haddiema kien madwar 1910. Qal li f'Jannar 1987 il-Kalaxlokk iddecidiet li n-numru tal-haddiema kellu jonqos. Semma li kemm dam sekondat mal-kumpanija Kalaxlokk ir-rikorrent kien jahdem fil-Plant Maintanance Repair Section.

Il-Works Department talab lill-kumpanija li r-rikorrent jirritorna lura fl-4 ta' Lulju 1988. Semma li f'dik id-data spiccaw ukoll John Borg, Carmel Cachia, Italo Micallef, Gaetano Mercieca, Mario Spiteri, Carmel Schembri, Joseph Mifsud, Carmel Bugeja, Gaetano Bonnici, Charles Vella u Carmel Schembri.

Il-kariga tieghu mal-Kalaxlokk hija ta' Administration Manager u ilu f'dik il-kariga minn Marzu 1992. Qal li r-records u l-affarjiet imnizzlin ma jafhomx di xjenza propja u ma kkonsulta ma' hadd ta' qablu . Qal li d-decizjoni biex jitnaqqsu l-haddiema ttiehdet mill-Board of Directors tal-Kalaxlokk. Qal li l-Monitoring Board ma kienx fil-Kalaxlokk, izda l-funzjoni tieghu kien li jirregola x-xogholijiet li jsiru mill-Kalaxlokk u ma kellu l-ebda funzjoni amministrattiva mal-Kalaxlokk. Qal li ma jaqbilx ma' dak li hemm imnizzel hemmhekk bhala Monitoring Board, li kien jiddeciedi kollox dwar secondments anzi l-Monitoring Board ma kienx jiddeciedi fuq secondments. Qal li fiz-zmien li l-persuni kienu on secondment mal-Kalaxlokk dawk baqghu mpjegati mal-Gvern izda kienu mislufin ghandhom u l-paga kienet tohrog mill-Kalaxlokk. Qal li llum il-gurnata ghad fadal persuna wahda, li huwa Surveyor li hu seconded.

Qal li r-rikorrent kienu jahdem fil-Plant Maintenance and Repair Section u l-Kalaxlokk kellha bzonn nies f'din is-sezzjoni u ghalhekk harget avvizi fil-gazzetta lokali dwar

dak. Dak iz-zmien kellhom fuq tletin trakk jahdmu hemmhekk u ghalhekk ix-xhud ma dehrlux li kienet min-naha taghhom li r-rikorrent intbaghat lura d-dipartiment tax-xoghlijiet. Qal li ma kellhom applikazzjonijiet godda minbarra ghal flok ir-rikorrent. Li kieku t-transfer lura sar fiz-zmien meta spicca t-Terminal 1, kien jemmen lill-kumpanija setghat baghtet lir-rikorrent hi pero` dak iz-zmien kien ghaddej full swing f'Terminal 1 u l-kumpanija kellha bzonn nies bhar-rikorrent li kien jahdem il-PMRS auto electricians, auto mechanics kollox. Qal li ma gewx impjegati nies ohra minflok ir-rikorernt. Qal li l-haddiema kienu jispiccaw grupp grupp per ezempju meta jitlesta x-xoghol tal-Marines Section, il-haddiema tal-Marine Section jispiccaw ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li ttiehdet decizjoni fl-1988 biex ir-rikorrent jintbaghat lura mill-Kalaxlokk Company Limited ghal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Irrizulta wkoll li dak iz-zmien kien ghad hemm bzonn tax-xoghol tar-rikorrent ghax ix-xogholijiet kienu ghaddejjin in full swing u kien necessarju li nies bhar-rikorrent jibqghu jahdmu mal-kumpanija. Dan jaghmilha cara li ma kien hemm ebda kaz ta' redundancy f' dak iz-zmien. Ma ngiebet ebda prova ta' nuqqas ta' xoghol tajjeb fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent sostna li l-unika raguni ghaliex sar it-transfer lura tieghu kienet l-istrike meta dahal il-vapur tal-gwerra f' Malta. Raguni valida ma nghatatx u ghalhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent meta dan gie trasferit lura. Kawza tat-transfer ir-rikorrent tilef xi Lm10 fil-gimgha u Lm3 kull gimghatejn.

Hemm nuqqas ta' ftehim bejn l-intimati u cioe` Kalaxlokk Company Limited u d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici dwar min ta l-ordni.

Huwa car li l-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni m' ghandux x' jaqsam mat-trasferiment minhabba li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 huwa l-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni li ghandu r-responsabbilta` tad-decizjonijiet. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun

rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni gie kjamat fil-kawza. Ghalhekk il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Id-Dipartiment tax-Xogholijiet isostni li d-decizjoni ttiehdet mill-Kalaxlokk u dan gie sostnut mis-Sur Emanuel Cortis. Il-Kalaxlokk issostni li t-trasferiment sar fuq talba tad-Dipartiment u dan gie sostnut mis-Sur Edwin Mamo. Fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg partijiet ghandhom responsabbilta` ugwali u ghalhekk it-Tribunal isib li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju, liema kumpens finanzjarju ghandu jithallas bin-nofs bejn id-Dipartiment tax-Xogholijiet u l-Kalaxlokk Company Limited.

Ghal dawn il-motivi jillibera lill-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni mill-ossservanza tal-gudizzju, jiffissa l-ammont ta’ kumpens fl-ammont ta’ Lm1500 liema kumpens ghandu jithallas bin-nofs mill-intimati Kalaxlokk Company Limited u bin-nofs mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici (Lm750 kull wiehed).

Spejjez tal-kawza ghall-intimati hlief dawk relattivi ghall-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u N.O.V.I.T.A. li ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------